MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 17/2010

***London Services Limited***

**vs**

***Brainbox Limited* u Sabrina Mulligan**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' skrittura privata datat l-5 ta' Mejju, 2008, (ara foll 4), is-socjeta` rikorrenti, kif hemm rapprezentata minn Jason Aquilina, kriet il-vettura DQZ – 206 ta' ghamla Kia Cerata, lis-socjeta` intimata kif hemm rapprezentata minn Sabrina Mulligan, li wkoll dehret fl-istess skrittura anke fil-kapacita` personali taghha, (ara foll 4);

1.2. Illi l-perjodu tal-kera tal-vettura *de quo* kien ghal perjodu ta' erbgha u sittin, (64), xahar, (ara foll 12);

1.3. Illi r-rata tal-kera kienet stabbilita fis-somma ta' erba` mija u dsatax –il Ewro u erbghin centezmu, (€419.40), fix-xahar (ara foll 12);

1.4. Illi s-socjeta` intimata kienet ripetutament tardiva fil-pagamenti mensili tal-kera;

1.5. Illi konsegwentement is-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u sebghin Ewro u tlett centezmi, (€28,871.03), skont kif indikat fir-rendikont relattiv datat l-14 ta' Frar, 2009, (ara foll 15 u 17);

1.6. Illi l-intimata Mulligan fuq indikata hi garanti *in solidum* ghall-obbligi assunti mis-socjeta` intimata;

1.7. Illi ghalkemm interpellati, l-intimati baqghu inadempjenti, (ara foll 18);

1.8. Illi dan il-kreditu hu cert, likwidu u dovut, u s-socjeta` intimata m'ghandiex difiza x'tipproduci;

1.9. Illi ghalhekk japplikaw l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

1.10. Illi konsegwentement aderiet din il-qorti u titlob biex din il-qorti:

1.10.1. Tiddeciedi l-vertenza odjerna bid-dispensa tas-smigh *a tenur* ta’ l-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit;

1.10.2. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici tas-socjeta` intimata fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin, tmin mija u wiehed u seghin Ewro u tlett centezmi, (€28,871.03);

1.10.3. Tikkundanna lill-intimati solidament, jew min minnhom, ihallsu l-imsemmi ammont lis-socjeta` rikorrenti;

1.10.4. Tiddikjara xolt u terminat il-kuntratt datat il-5 ta’ Mejju, 2008, b’applikazzjoni tal-klawsola numru 12 ta’ l-istess;

1.10.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur, u bl-imghaxijiet legali dovuti, kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-18 ta’ Frar, 2010, li permezz tieghu, wara li semghet lill-abbli rapprezentant legali tal-partijiet fir-rigward, rat li l-intimati ghandhom eccezzjonijiet x’jipproducu, awtorizzat lill-istess biex jipprezentaw risposta guramentata fit-terminu hemm stipulat, (ara foll 27);

3.0. Rat ir-risposta guramentata ta’ l-intimati datata d-9 ta’ Marzu, 2010, li permezz taghha irrispondew sintetikament is-segwenti:

3.1. Illi fil-konfront ta’ l-intimata Mulligan personalment, it-talba tas-socjeta` rikorrenti hi insostenibbli;

3.2. Illi l-intimata Mulligan giet imharrka biss bhala garanti tas-socjeta` intimata;

3.3. Illi fil-ftehim *de quo* l-intimata Mulligan tidher fil-kwalita` personali taghha flimkien mas-socjeta` intimata u ghalhekk l-istess intimata Mulligan hi debitur *qua* kerrejja tal-vettura mas-socjeta` intimata;

3.4. Illi hu minnu li fl-ahhar parti tal-ftehim hemm indikat li l-intimata Mulligan hi garanti ghas-socjeta` intimata izda hu inkoncepibbli u guridikament insostenibbli li debitur principali jkun fl-istess waqt garanti tieghu nnifsu;

3.5. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma karenti fir-rigward ta’ l-intimata Mulligan *stante* li ma saritx talba biex din tigi dikjarata debitrici tas-socjeta` rikorrenti;

3.6. Illi konsegwentement, l-intimata Mulligan ma tistax tigi dikjarata debitrici tas-socjeta` rikorrenti;

3.7. Illi ghalhekk, l-intimata Mulligan ma tistax tigi kkundannata thallas xi somma lis-socjeta` rikorrenti;

3.8. Illi l-ammont rikjest mis-socjeta` rikorrenti hu kontestat;

3.9. Illi *di piu`*, it-talba tas-socjeta` rikorrenti hi kontradittorja u insostenibbli *stante* li qed jintalab hlas ta’ kera futura

li ma tistax issehh peress li s-socjeta` rikorrenti ghazlet li tittermina l-kirja u tiehu lura l-vettura *de quo*;

3.10. Illi s-socjeta` rikorrenti ma tistax titlob il-hlas ta' erbgha u sittin (64) xahar kera meta l-ftehim *de quo* jaghti il-fakolta` lill-kerrej li jittermina dan il-ftehim qabel ma jghaddi dan il-perjodu;

3.11. Illi l-intimati ma jistghux jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez tal-mandati kawtelatorji *stante* li l-mandat t'inibizzjoni inoltrat mis-socjeta` rikorrenti kien gie michud bl-ispejjez;

3.12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat l-24 t'April, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentant legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jitrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 229) u dan anke fid-dawl ta' l-estensjoni koncessa lis-socjeta` rikorrenti fit-8 t'Ottubru, 2014, (ara foll 237);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata Mulligan datata s-6 t'Ottubru, 2014, (ara foll 230), flimkien ma dik tas-socjeta` intimata datata wkoll is-6 t'Ottubru, 2014, (ara foll 232), u dik tas-socjeta` rikorrenti datata t-8 ta' Jannar, 2015, (ara foll 239);

6. Semghet ix-xhieda prodotta kif minnha preseduta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati prodotti;

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi analizi ta' l-iskrittura privata datata l-5 ta' Mejju, 2008, tirrileva sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-partijiet fl-istess skrittura kienu Jason Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` rikorrenti u Sabrina Mulligan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` intimata, (ara foll 4);

9.2. Illi *di piu`*, l-istess intimata Mulligan, iffirmat l-istess ftehim fil-kapacita` personali taghha biex tattesta ruhha wkoll bhala garanti personali ta' l-obbligi assunti mis-socjeta` intimata, (ara foll 13);

9.3. Illi l-oggett tal-kuntratt *de quo* jirrizulta li kien il-kiri ta' vettura mis-socjeta` intimata lilha koncessa mis-socjeta` rikorrenti kif indikata fil-klawsola numru 16 ta' l-istess ftehim, (ara foll 12);

9.4. Illi l-korrispettiv patwit kien ta' rata mensili ta' erba` mija u dsatax –il Ewro u erbghin centezmu, (€419.40), (ara foll 12);

9.5. Illi t-terminu patwit kien ghal perjodu ta' erbgha u sittin, (64), xahar mid-data tal-kuntratt, (ara foll 12);

Ikkunsidrat:

10. Illi qabel ma l-vettura *de quo* ghaddiet lill-intimati jirrizulta li kienet mikrija lil terzi, (ara foll 36);

11. Illi *stante* li instab sostitut, is-socjeta` rikorrenti accettat il-proposta tat-terz li tghaddi l-istess vettura lill-intimati minghajr ma tezigi l-penali dovuti, (ara foll 36);

12. Illi l-ftehim datat il-5 ta' Mejju, 2008, gie ffirmat f'dan il-kuntest;

13. Illi in effetti, l-istess kuntratt kien irritornat iffirmat ghand is-socjeta` rikorrenti fit-3 ta' Gunju, 2008, (ara foll 36), ghalkemm il-vettura in dizamina kienet ilha tigi wzata mis-socjeta` intimata "... ghal xi xahar", (ara foll 37);

14. Illi *nonostante* li s-socjeta` intimata kompliet tuza l-vettura in dizamina u s-servizzi ancillari tas-socjeta` rikorrenti, din bdiet tirrizulta diffikultuza fil-pagamenti minnha dovuti skont il-ftehim, (ara foll 37);

15. Illi f'perjodu minnhom jirrizulta li s-socjeta` intimata bdiet tinsisti li minflok thallas ir-rata mensili patwita fuq indikata, (ara paragrafu numru disgha punt erbgha, (9.4.), aktar qabel), bdiet titlob li jkun hemm xi forma ta' tpartit ma servizzi minnha rezi, (ara foll 37);

16. Illi rizultat ta' dan, kien hemm korrispondenza kopjuza, u fil-frattemp, is-socjeta` intimata naqset li tezegwixxi l-

obbligi taghha kif naxxenti mill-iskrittura *de quo*, (ara foll 37);

17. Illi permezz ta’ *email* datata l-24 t’April, 2009, is-socjeta` intimata infurmat lil dik rikorrenti li riedet twaqqaf il-kuntratt in dizamina, (ara foll 38 u 117);

18. Illi dan id-dizgwid baqa` ghaddej ghal perjodu konsiderevoli, (ara foll 38);

19. Illi finalment il-partijiet qabblu li jiltaqghu fl-14 ta’ Mejju, 2009, biex fost affarijiet ohra l-intimati jhallsu l-arretrati minnhom dovuti, (ara foll 39), ghalkemm il-laqgha in dizamina xorta wahda ma sehhitx, (ara foll 39);

20. Illi s-socjeta` rikorrenti baqghet ma thallsitx ta’ l-ammont patwit fl-imsemmi kuntratt fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

21. Illi *nonostante* li interpellati diversi drabi, l-intimati baqghu irremovibbli;

Ikkunsidrat:

22. Illi r-relazzjoni in dizamina hi naxxenti minn skrittura privata fejn is-suggett tal-istess kien l-uzu tal-vettura in dizamina ghal korrispettiv hemm espressament specifikat;

23.0. Illi l-intimati kontraenti huma kif gej:

23.1. Is-socjeta` *Brainbox Limited* kif rapprezentata minn Sabrina Mulligan, (ara foll 4); u

23.2. Sabrina Mulligan "... who also appear(s) in (her) personal capacity", (ara wkoll foll 4);

24. Illi ghalhekk l-intimati fuq indikati huma t-tnejn kolpiti bl-istess relazzjoni;

Ikkunsidrat:

25. Illi hu principju assodat li "bonae fidei non congruit de apicibus uniris disputare";

26. Illi ghalhekk l-obbligu tal-*bona fide* kontrattwali tesigi li l-kontraenti jaccettaw u japplikaw b'mod logiku u sincier l-obbligi minnhom regolarment u liberament assunti;

Ikkunsidrat:

27.0. Illi analisi ta' l-istess kuntratt in dizamina u ta' l-operat riskontrat jwassal ghar-rizultanzi segwenti:

27.1. Illi l-partijiet ikkonkludew kuntratt li permezz tieghu l-intimati krew l-uzu tal-vettura in dizamina u tas-servizz ancillari fir-rigward ghall-prezz mensili patwit;

27.2. Illi *nonostante* li l-istess kuntratt kien gie ezegwit favur l-intimati, dawn ta' l-ahhar naqqsu li jottemporaw ruhhom mall-kundizzjonijiet minnhom espressament accettati;

27.3. Illi ghalhekk, ghall-partijiet kontraenti, l-kuntratt minnhom liberament accettat hu ekwivalenti ghal ligi direttament vinkolanti fuqhom;

27.4. Illi wara kollox hu wkoll ormai assodat li "pacta sunt servanda" u ma jezistu l-ebda ragunijiet validi fil-ligi li jippermettu lill-intimati li ma jottemporawx ruhhom mall- kundizzjonijiet minnhom stess liberament patwiti, *molto piu`* meta huma wkoll ibbenefikaw ruhhom mill-istess ghal perjodu konsiderevoli;

**DECIDE:**

28.0. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, inkluz il-kwantum kontrattwali minnha rikjamat, u konsegwentement,

filwaqt li tirrespingi r-risposti kollha ta’ l-intimati, takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u ghalhekk:

28.1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti *London Services Limited* hi kreditrici tas-socjeta` intimata *Brainbox Limited* fis-somma ta’ tmienja u ghoxrin, tmin mija u wiehed u sebghin Ewro u tlett centezmi, (€28,871.03);

28.2. Tikkundanna lill-intimati *Brainbox Limited* u Sabrina Mulligan biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata *in solidum* l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

28.3. Tiddikjara xolt u terminat il-kuntratt *de quo* datat il-5 ta’ Mejju, 2008;

28.4. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimati *in solidum*, u bl-imghaxijiet legali dovuti mit-8 ta’ Jannar, 2010, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------